2025/1244

20.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1244

tad-19 ta' Ġunju 2025

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li ser jittieħed vot dwarhom fit-23 Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-Assemblea Ġenerali li jmiss tagħha li ser issir fl-20 ta' Ġunju 2025, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) ser teżamina u possibbilment tadotta ċerti riżoluzzjonijiet (l-"abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV"). L-abozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV, jekk jiġu adottati, ser ikollhom effetti legali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat.

(2) L-Unjoni mhijiex membru tal-OIV. Madankollu, fl-20 ta' Ottubru 2017, l-OIV tat lill-Unjoni l-istatus partikolari previst fl-Artikolu 4 tar-Regoli ta' Proċedura tal-OIV.

(3) Għoxrin Stat Membru tal-Unjoni huma ukoll membri tal-OIV. Dawk l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipproponu emendi għall-abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV, u ser jintalbu jadottaw l-abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV fl-Assemblea Ġenerali li jmiss tal-OIV.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-OIV fir-rigward tal-abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV b'rabta ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha. Jenħtieġ li dik il-pożizzjoni tiġi espressa fil-laqgħat tal-OIV mill-Istati Membri li huma wkoll membri tal-OIV, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

(5) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 [2], ċerti riżoluzzjonijiet adottati u ppubblikati mill-OIV ser ikollhom effetti legali.

(6) L-Artikolu 80(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li, meta tawtorizza l-prattiki enoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tqis il-prattiki enoloġiċi u l-metodi ta' analiżi rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV.

(7) L-Artikolu 80(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li meta tistabbilixxi l-metodi ta' analiżi sabiex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, il-Kummissjoni għandha tibbaża dawn il-metodi fuq kwalunkwe metodu rilevanti rrakkomandat u ppubblikat mill-OIV, sakemm dawn il-metodi ma jkunux ineffettivi jew mhux xierqa fid-dawl tal-objettiv fil-mira tal-Unjoni.

(8) L-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-prodotti tas-settur tal-inbid importati fl-Unjoni għandhom ikunu prodotti f'konformità mal-prattiki enoloġiċi awtorizzati mill-Unjoni skont dak ir-Regolament jew, qabel dik l-awtorizzazzjoni, prodotti f'konformità mal-prattiki enoloġiċi rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/934/oj).

(9) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jipprevedi li, meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-purità u tal-identifikazzjoni ta' sustanzi użati fil-prattiki enoloġiċi ma jkunux stabbiliti mill-Kummissjoni, l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu dawk imsemmija fil-kolonna 4 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, li jirreferu għar-rakkomandazzjonijiet tal-OIV.

(10) L-abbozzi tar-Riżoluzzjonijiet tal-OIV OENO-MICRO 22-713A u OENO-MICRO 22-713B jipproponu metodu ġdid għall-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira fil-most, fl-inbejjed u fil-kulturi tal-ħmira. L-abbozz tar-Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-MICRO 23-739 jivvalida protokoll standard għall-evalwazzjoni tal-proprjetajiet tal-fermentazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae*. F'konformità mal-Artikolu 80(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, dawk ir-riżoluzzjonijiet, jekk huma adottati, ser ikollhom effetti legali.

(11) L-abbozz tar-Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO 14-540B jistabbilixxi prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbejjed parzjalment dealkoħolizzati. L-abbozz tar-Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO 23-730 jintroduċi limitu massimu aċċettabbli ta' konċentrazzjoni ta' aċidu sorbiku fl-inbid. L-abbozz tar-Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO 23-738 jintroduċi prattika enoloġika ġdida dwar l-użu tal-aċidu fumariku għall-kontroll tal-fermentazzjoni malolattika fil-most. F'konformità mal-Artikolu 80(3), il-punt (a), u mal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, dawn ir-riżoluzzjonijiet, jekk huma adottati, ser ikollhom effetti legali.

(12) L-abbozzi tar-Riżoluzzjonijiet tal-OIV OENO-SPECIF 21-691 u OENO-SPECIF 23-728 jikkonċernaw metodi għad-determinazzjoni tal-proporzjonijiet iżotopiċi tal-aċidu tartariku u tal-kitosan, rispettivament. F'konformità mal-Artikolu 80(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u mal-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, dawn ir-riżoluzzjonijiet, jekk huma adottati, ser ikollhom effetti legali.

(13) L-abbozzi ta' riżoluzzjonijiet tal-OIV, li ġew diskussi estensivament mill-esperti xjentifiċi u tekniċi tas-settur tal-inbid, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-inbid u ser jistabbilixxu qafas li ser jiżgura kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-prodotti tas-settur tal-inbid. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu appoġġati.

(14) Abbozz ta' riżoluzzjoni tal-OIV ieħor li jipproduċi, jekk jiġi adottat, effetti legali fuq il-liġi tal-Unjoni li ġie ppreżentat għall-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali huwa l-Abbozz tar-Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO 14-540A, li jistabbilixxi prattiki enoloġiċi speċifiċi għal inbejjed dealkoħolizzati, inkluż iż-żieda tal-gliċerol (E 422) f'konċentrazzjoni massimu totali ta' 50 g/L. Il-livell massimu permess ġie propost abbażi ta' evidenza xjentifika insuffiċjenti rigward l-effetti fuq il-prodott u fuq is-saħħa tal-konsumatur. Għalhekk, jenħtieġ li dan l-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-OIV ma jiġix appoġġat sakemm issir valutazzjoni xierqa, b'mod partikolari dwar il-livelli massimi sikuri tal-gliċerol (E 422) għall-kategorija ta' prodotti tal-inbid dealkoħolizzat. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-taqsima dwar "Taħlil", b'mod partikolari d-definizzjoni "*Żieda ta' dolċifikanti ma' nbid dealkoħolizzat*", tiġi interpretata bħala limitata għall-prodotti elenkati fil-"*Preskrizzjoni*"; l-istess jenħtieġ li jiġi nnotat fir-rigward tal-Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO 14-540B.

(15) Sabiex ikun hemm il-flessibbiltà meħtieġa matul in-negozjati qabel l-Assemblea Ġenerali li jmiss tal-OIV li ser issir fl-20 ta' Ġunju 2025, jenħtieġ li l-Istati Membri li huma wkoll membri tal-OIV jkunu awtorizzati li jaqblu mal-bidliet tekniki fl-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet tal-OIV sakemm dawn il-bidliet ma jbiddlux is-sustanza tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-23 Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV), li ser issir fl-20 ta' Ġunju 2025, hija stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tal-OIV, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

1. Meta jkun probabbli li l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tal-OIV, l-Istati Membri li huma wkoll membri tal-OIV għandhom jitolbu biex il-votazzjoni fl-Assemblea Ġenerali tal-OIV tiġi posposta sakemm il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun stabbilita abbażi tal-informazzjoni l-ġdida.

2. Wara l-koordinazzjoni u mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri li huma wkoll membri tal-OIV, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, jistgħu jaqblu ma' bidliet tekniċi fl-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet tal-OIV imsemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li ma jbiddlux is-sustanza tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DZIEMIANOWICZ-BĄK

ANNESS

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, għandhom jappoġġaw l-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet li ġejjin fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

— OENO-MICRO 22-713A: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-most tal-għeneb u fl-inbejjed;

— OENO-MICRO 22-713B: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-kulturi tal-ħmira;

— OENO-MICRO 23-739: Validazzjoni ta' protokoll standard għall-evalwazzjoni tal-proprjetajiet tal-fermentazzjoni tar-razez *S. cerevisiae*;

— OENO-TECHNO 14-540B: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid parzjalment dealkoħolizzat, soġġett għall-fehim li jenħtieġ li t-taqsima dwar "Taħlil" u b'mod partikolari d-Definizzjoni "*Żieda ta' dolċifikanti ma' nbid dealkoħolizzat*" tiġi interpretata bħala limitata għall-prodotti elenkati fil-"*Preskrizzjoni*";

— OENO-TECHNO 23-730: Limitu tal-aċidu sorbiku fl-inbid;

— OENO-TECHNO 23-738: Trattament tal-most bl-aċidu fumariku għall-kontroll mikrobijoloġiku;

— OENO-SPECIF 21-691: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-aċidu tartariku (L +) $^{13}C/^{12}C$ u $^{18}O/^{16}O$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-isotopi;

— OENO-SPECIF 23-728: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-kitosan $^{13}C/^{12}C$ u $^{15}N/^{14}N$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-isotopi.

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, ma għandhomx jappoġġaw l-abbozz tar-riżoluzzjoni segwenti fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

— OENO-TECHNO 14-540A: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid dealkoħolizzat.